*Kunsill Lokali Marsaskala*
228, Triq is-Salini, Marsaskala, Malta
Tel : 21637171, Fax : 21637744,
E-mail : marsaskala.lc@gov.mt

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsaskala**

**IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 12**

**It-Tnejn 18 ta' Mejju 2020.**

Il-Kunsill Lokali Marsaskala għamel din is-seduta online minħabba it-tixird tal-Covid 19 fil-5.00 ta' filgħaxija.

**PREZENTI:**

Mario Calleja – Sindku
John Baptist Camilleri- Kunsillier
Errol Cutajar - Kunsillier
Janice Falzon – Viċi Sindku
Patrick Camilleri-Kunsillier
Ryan Portelli- Kunsillier
Mary Rose Mifsud- Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):**
Charlot Mifsud – Kunsillier
John Schembri – Kunsillier

**ASSENTI:**

**UFFIĊJAL PREZENTI:**

Josef Grech – Segretarju Ezekuttiv

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega illi din il-laqgħa qed issir *online* u mhux bħas-soltu minħabba ċ-ċirkostanza li nqalet tal-Covid 19 u għaldastant *streaming* tagħha mhux ser jkun hemm hekk kif ħarġet id-direttiva f'din iċ-ċirkostanza.

12.1 ***Qari t'aploġija:***

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-Kunsillier il-Perit John Schembri u l-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud talbu li jkunu skużati għal din il-laqgħa.

12.2 ***Kunsiderazzjoni u Approvazjoni tal-Minuti: Laqgħa 11 li saret Nhar it-Tnejn 20 t' April 2020:***

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon pproponiet l-approvazzjoni tal-minuti bħala dokument korrett u s-Sindku s-Sur Mario Calleja issekonda. Il-votazzjoni kienet 5 favur, 0 kontra u 0 astenzjoni.

**Il-minuti ġew unanimament approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv bħala dokument korrett.**

12.2.1 Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri staqsa fuq punt 11.3.5 ta' paġna 3 x'kienet l-ittra li ntbgħatet lilna minv Sadeen Group u għalfejn irringrazzjawna.

Is-Sindku qal illi kif diġa spjega fil-laqgħa preċedenti hu ma jafx ghalxiex kienu qed jirreferu pero bgħatu ittra biss biex jirringrazzjawna tax-xogħol li qed isir waqt din il-pandemija tal-Covid 19.

12.2.2 Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri tkellem fuq punt 11.3.6 ta' paġna 3 rigward il-punt li qajmet l-Viċi Sindku fejn qalet li saru xi ħsarat fuq il-moll. Is-Sur Camilleri qal illli hu mar jara x'kienet il-ħsara pero ma sabx li kien hemm problemi. Is-Sindku kkonferma dak li qal il-Kunsillier John B Camilleri.

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon qalet illi l-ħsarat li kien hemm isewwiet pero l-moll qiegħed ta' periklu għax qed jinqasam.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi dawn jaqgħu taħt il-Maritime Authority u ilna snin inkellmuhom fuq il-mollijiet u qabel ma jitlestew tan-naħa taz-Zonqor zgur li mhux ser jibdew tan-naħa ta` San Tumas.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi l-moll ta' Triq San Ġorġ qiegħed ta' periklu ukoll.

Is-Sindku qal illi diġa tranġa l-moll ta taħt il-waterpolo pitch u wara dak jsir ta' ħdejn l-ispigola.

12.3 ***Komunikazzjoni mis-Sindku:***

12.3.1 **PA 01658/20 Proposed erection of outdoor enclosure with signage to be used for tables and chairs for catering purposes pertaining to the approved Class 4D restaurant in PA/2240/17):**

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi l-Kunsill rċieva l-applikazzjoni mingħand il-Perit tal-izvilupp tad-dar fi Triq ix-Xatt ħdejn il-Brighton fejn jindika illi hu jrid li apparti li issir struttura fissa irid li l-Kunsill itih il-permess li titneħħa palma

minn fuq il-bankina għaliex dik qed jgħid li hija propjeta tiegħu u jrid li joħroġ aktar il-barra u jħalli l-passaġġ sabiex jgħaddu n-nies.
Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi jidher li l-Kunsill jista biss jaċetta jew le li titneħħa l-palma għaliex il-permess ħareġ sabiex issir l-istruttura, apparti min hekk jekk ser ineħħu l-palma f'dan il-kaz ser ikollna ineħħu ta' kullħadd.

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon qalet illi hi ta l-opinjoni li l-palma tibqa fejn hi u l-acċċess jibda min ħdejn il-palma.

Is-Sindku qal illi rigward il-washingtonia biss nistgħu niddeċiedu anke jekk ma naqblux mal-istruttura fissa għaliex jidher li l-permess ħareġ diġa. Is-Sindku qal illi nistgħu ngħidulu sabiex iduru mal-palma.

Kien hemm diskussjoni li mhux nduru mal-palma izda nibdew minnha l-ġewwa.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi l-Kunsill qatt ma ta permess lill-ebda sid ta' ħanut sabiex ineħħi l-palm anke jekk kien hemm min ried li titneħħa.

Il-Kunsill qabel unanimament illi ma jagħtix permess li titneħħa l-Washingtonia min fuq il-bankina.

12.3.2 **<u>Aktar spazzju għall-imwejjed u siġġijiet fil-parkeġġi minħabba s-sitwazzjoni tal-Covid 19:</u>**

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi issa li l-Gvern ser iħabbar il-ftuħ tar-ristoranti ser ikun hemm ristrizzjonijiet li jridu jimxu magħhom waħda minnhom hi dik li min għandu ħanut bi spazzju barra jutiliza lilu u jħalli metru u nofs distanza bejn mejda u oħra fejn din ser tkun diffiċli għal ħwienet bi spazzju limitat bħal ma għandna fil-Lokali għalhekk hu jixtieq li jipproponi li s-sidien tal-ħwienet ikunu jistgħu jutilizzaw parkeġġi taħt il-bankina dejjem temporanjament sakemm tgħaddi din is-sitwazzjoni, kompla jgħid illi dan dejjem wara konsultazzjoni mal-MTA u TM.

Il-Kunsillier is-Sur Patrick Camilleri qal illi hu ta' l-ideja illi Triq ix-Xatt tingħalaq għal karozzi biex b'hekk is-sidien tal-ħwienet ikunu jistgħu jutilizzaw it-triq u ndaħħlu s-servizz ta' park and ride fejn dan ser ikun utli ħafna għar-residenti tal-Lokal.

- **<u>Il-Kunsillier is-Sur Ryan Portelli daħal għal laqgħa fis-17:52.</u>**

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi dan konna diġa għamilnih snin ilu fejn saret attivita fi Triq ix-Xatt fejn ingħalqet u s-sidien tar-ristoranti setgħu jarmaw l-imwejjed fit-triq pero kellna ilmenti minn ristoranti li mhumuex f'din it-triq illi huma ma kellhomx l-istess opportunita' apparti min hekk hemm problema li Triq Sant'Anna trid issir two way u din takkawza ħafna problemi speċjalment aktar emissjonijiet.

Il-Kunsillier is-Sur Patrick Camilleri qal illi hu personalment kieku joqgħod iz-Zonqor u jrid jinzel fi Triq ix-Xatt ikun idejali li juza l-Park and ride.

Il-Kunsillier is-Sur Errol Cutajar qal illi irridu noqgħodu attenti għaliex xorta ser ikun hemm min ma juzax is-servizz tal-park and ride u jibda jipparkja fit-toroq tal-madwar u l-parkeġġi mitlufa minn Triq ix-Xatt jispiċċaw f'toroq sekondarji u jikkawza problemi lir-residenti.

Il-Kunsillier is-Sur Cutajar qal ukoll li din hija sitwazzjoni li ħadd ma jaf kemm ser iddum u irridu nkunu ċerti li kull deċizzjoni li tittieħed ngħamluha ċara li hija temporanja.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi jekk naċċettaw li jitpoġġew mwejjed fil-parkeġġi u allaħares qatt ikun hemm aċċident min ser ikun responsabbli?

Il-Kunsillier is-Sur Patrick Camilleri qal illi hu ta' l-ideja li ngħatu permess biss li jitpoġġew mwejjed u siġġijiet fuq il-bankina.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi hu jsiba bi tqila sabiex jawtorizza xi ħaġa bħal din u jekk il-Kunsill jiddeċiedi li din issir u l-MTA jew TM jieħdu r-responsabbilita' huwa jaċetta. Issuġerixxa wkoll li illi nċedu biss il-1.5metres li suppost jitħalla bħala passaġġ sabiex jitpoġġew l-imwejjed u siġġijiet u minflokk tintuza l-promenade b'mod temporanju sakemm tgħaddi l-krizi.

Is-Sindku qal illi jedkk isir hekk mhux ser ikunu jistgħu jgħaddu n-nies b'xi pushchair jew b'wheelchair u juzaw il-bankina tal-faċċata.

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi jekk l-Kunsill jaqbel xorta waħda irridu l-permess min naħa tal-Lands u li tkun temporanja fi Triq ix-Xatt u Triq is-Salini.

Il-Kunsillier is-Sur Ryan Portelli qal illi hu xettiku fuqha minħabba l-fatt li ħwienet f'toroq oħra mhux ser ikollhom l-istess privileġġ.

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon qalet illi hi taqbel li ngħatu permess lill-ħwienet kollha.

Is-Sindku qal illi ser jiltaqa ma tal-ħwienet u jitkellem magħhom.

Il-Kunsillier is-Sur Patrick Camilleri staqsa illi fil-kaz tar-ristorant Tal-Familja fejn dan għandu l-parkeġġ privat dan ma jistgħax jagħmel imwejjed u siġġijiet fih?

Is-Sindku qal illi jrid iġib il-permess relatati.

Il-Kunsill qabel illi nitkellmu mal-Lands fejn ninfurmawhom illi l-Kunsill jaqbel li lis-sidien tal-ħwienet intuhom il 1.5 mtrs passaġġ temporanjament.

12.3.3 **Diskussjoni mas-Sur Aaron Simpson rigward kjarifika ta' statement li nħareġ fuq Facebook rigward l-pixxina:**

Is-Sindku qal illi l-ewwel u qabel kollox il-Kunsill fl-ebda ħin ma kien kontra l-waterpoloi pitch pero li ġara kien sempliċiment kien hemm diskussjoni mal-Ministru Owen Bonnici fil-laqgħa li kellu l-Kunsill ix-xahar l-ieħor fejn staqsa x'jaħseb l-Kunsill rigward l-AUM u awtomatikumanet id-diskussjoni inqalbet fuq il-pixxina fejn fid-diskussjoni ħareġ li l-AUM għadha ma nbnitx u jista jkun li ma tinbeniex jew jinsab post alternattiv allura waqgħet il-mistoqsijia jekk għandix tiġi irranġata l-pixxina ezistenti li hemm u mhux issir oħra ġdida.

Is-Sur Aaron Simpson qal illi bil-post li tella l-Kunsill deher ċar illi jaqbel mar-residenti,hu qal illi l-Kunsill għandu kull dritt li ma jaqbilx pero f'dan l-istadju wara ħafna laqgħat li saru ma jħossx li l-proġett m'għandux isir anke jekk anke hu xtaq li l-pixxina tibqa fejn kienet pero dan ma setgħax isir minħabba li kienet ser issir l-Universita'.

Kompla jgħid illi hu kien prezenti f'ħafna laqgħat sakemm instab post alternattiv u dan intgħazel wara ħafna studji u b'hekk finalment intgħazel s-sit fi Triq is-Salini, kompla jgħid illi l-kuntratt ma Sadeen Group huwa validu sa 2025 u għalhekk il-Gvern ma jistgħax jieħu deċizzjonijiet qabel dan iz-zmien u ghalhekk kien irrabjat illi l-Kunsill b'dak il-post kien qed jgħati tama lir-residenti illi jista jkun hemm alternattiva meta dan mhuwiex possibli.

Is-Sindku qal illi dan hu jafu pero jaf ukoll illi l-Gvern kien qal ċar illi jekk l-Universita' f'Bormla ma tgħatix il-frott mhux ser jippermetti li ssir ġewwa Marsaskala.

Il-Kunsillier Dr Errol Cutajar qal illi l-kuntratt jista jiġi revokat bi qbil miz-zewġ partijiet.

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon qalet illi tajjeb li l-Kunsill jagħmel stqarrija oħra fejn jiċċara l-pozizzjoni tiegħu fuq dan is-suġġett.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi l-importanti li saret kjarifika mal-President tal-Waterpolo pitch.

Il-Kunsill Lokali Marsaskala qabel illi toħroġ din il-kjarifika fuq il-paġna tal-Kunsill fuq Facebook.

Il-Kunsillier Dr Errol Cutajar qal illi hu ma jaqbilx li issir pixxina ġdida mingħajr ma tkun ittieħdet l-art tal-Universita'.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi hu ma jħossx li kellu jinħareġ it-tender qabel ma jkun hemm il-permessi neċessarji.

Is-Sur Aaron Simpson qal illi issa l-affarijiet lehqu saru.

Il-Kunsill qabel li toħroġ din l-istqarrija:

'' Wara li l-Kunsill iltaqa` mal-President tal-Waterpolo club f'seduta tal-Kunsill u taħ iċ-ċans jitkellem, il-Kunsill Lokali Marsaskala jixtieq jiċċara dan li ġej:

- Jiddikjara illi l-Ministru Owen Bonnici waqt il-laqgħa precedenti tal-Kunsill, saqsa lil Kunsilliera dwar kif jaħsbuha fuq l-AUM u kull Kunsillier esprima ruħu dwarha u l-konsegwenzi li ġġib magħha, u l-Kunsill qatt ma daħħal oġġezzjoni fuq il-pixxina l-ġdida ta' Triq is-Salini.''

➢ **Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon ħarġet mil-laqgħa fis-19:07.**

12.3.4 **Notification of late representation PA/01658/20:**

Dan il-punt ġie diskuss diġa f'punt 12.3.1.

12.3.5 **PC0027/20 Re alignment of building line Triq Għaxqet l-Għajn:**

Is-Segretarju Ezekuttiv spjega lill-Kunsill irċieva din il-PC fejn ser isir alignment ġdid ta' binja fi Triq Għaxqet l-Għajn.

Il-Kunsillier Dr Errol Cutajar staqsa jekk hux ser jibni l-faċċata ċanfrina.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi f'din it-triq hemm min għandu front garden u hemm min m'għandux.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi l-pjanta ma tindikax sew u allura ma nafux ezatt x'ħa jsir pero jħoss illi għandna ngħidu li l-Kunsill jaqbel li m'għandux jaqbez il-building line u l-front garden għandu jibqa front garden.

Kien hemm qbil unanimu.

12.3.6 **<u>Measure 4 Preliminary result Strengthening a healthy cultural identity:</u>**

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi l-Kunsill ser joħroġ tender mhux ikkumplikat sabiex nkunu nistgħu nwettquh, kompla jgħid illi l-proġett tagħna hu ranked l-ewwel post mill-proġetti kollha.

12.3.7 **<u>Zieda fin-notch tal-Iskrivana s-Sinjorina Chantel Zammit ghal Scale 11 Point 5</u>**

Is-Segretarju Ezekuttiv spjega lill-Kunsill illi s-Sinjorina Zammit waslilna z-zmien illi titla notch bħal ma jsir ma kull impjegat.

Il-Kunsill qabel dwar dan.

12.4 **<u>Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera:</u>**

Ma kien hemm l-ebda mistoqsija.

12.5 **<u>Rapporti:</u>**

Ma kien hemm l-ebda rapport.

12.6 **<u>Items oħra ta xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa:</u>**

Ma kienx hemm items oħra.

12.7 **<u>Korrispondenza:</u>**

12.7.1 **<u>Cirk AKL 2020/044 Applikazzjoni għall-internet Banking BOV.</u>**

Is-Segretarju Ezekuttiv spjega lill-Kunsill illi ntbgħatet korrispondenza min naħa tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali biex dawk il-Kunsill li jixtiequ li jkollhom internet banking għandhom jinfurmaw lill-LCA biex eventwalment ikunu jistgħu jsiru pagamenti permess ta' Internet Banking.

Il-Kunsill qabel unanimament.

12.8 ***<u>Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta'pagamenti:</u>***

12.8.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill bl-*invoices* li daħlu tard u ser jippreżenthom waqt il-laqgħa:

| Kreditur | Deskrizzjoni | Nru tal-Invoice | Ammont |
|---|---|---|---|
| Road Maintenance Services Ltd | Works at Zonqor Playingfield | 1684 | €3724.41 |
| R&A Waste Services Ltd | Organic Waste- April 2020 | 1039 | €4007.58 |
| R&A Waste Services Ltd | Door to door | 1040 | €4007.58 |
| R&A Waste Services Ltd | Bins on wheels and public litter bins | 1041 | €2124.00 |

***Il-Kunsillier is-Sinjura Mary rose Mifsud ipproponiet l-awtorizazzjoni tal-pagamenti u l-Kunsillier is-Sur Patrick Camilleri issekonda. Il-votazzjoni kienet 6 favur, 0 kontra, 0 astenzjoni.***

12.8.2 Is-Segretarju Eżekuttiv ppreżenta il-Petty cash għax-xahar ta' Marzu/April 2020.

* Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi ġie avviċinat min sid il-post fejn prezentament nikru għal uffiċini tal-Kunsill fejn infurmah illi sa Awwissu 2021 hu jrid illi l-uffiċini jkunu vojta b'hekk importanti ħafna li l-bini tal-Kunsill jingħata prijorita` sabiex jitlesta fi zmien stipul;at għaliex inkella ma jkollnix uffiċini fejn nkunu nistgħu naħdmu, għalhekk talab lill-Kunsilliera sabiex ma jidħlux fi tant fi proġetti oħra fejn ikunu qed jaħlu r-rizorsi tal-Kunsill fejn bħalissa hemm bzonnhom sabiex niffukaw fuq il-bini tal-Kunsill.

12.9 **<u>Mozzjonijiet:</u>**

Ma kien hemm l-ebda mozzjoni.

12.10 **<u>Aġġornament:</u>**

L-Aġenda ġiet eżawrita kollha u l-laqgħa spiċċat fis-7.30pm. Il-laqgħa tal-Kunsill li jmiss ser issir Nhar it-Tnejn 15 ta' Ġunju 2020 fil-5.30pm.

Ikkonfermat illum 18 ta' Mejju 2020.

IFFIRMAT                                         IFFIRMAT

_______________                                  _______________

**Josef Grech**                                  **Mario Calleja**

Segretarju Ezekuttiv                             Sindku